**FIL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TAR-RABA'**

**MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA. LL.D.**

**Illum, 17 ta' Marzu, 1999**

**Rikors numru: 31B/96**

**Vibro Blocks Company Limited**

**vs**

**Raymond, Francis, Carmel u Joseph ilkoll ahwa Chircop**

Il-Bord,

Ra r-rikors in ezami li permezz tieghu is-socjeta' esponenti wara li ippromettiet illi tikri lill-intimati porzjoni mir-raba' maghruf bhala "Tan-Nemla" limiti Haz-Zebbug u minnha akkwistata b'kuntratt tas-6 ta' Dicembru 1996 (kopja annessa) versu l-qbiela komplessiv ta' Lm5 fis-sena, jithallas kull Santa Marija bil-quddiem prossima skadenza 15 ta' Awissu, 1997;

Illi s-socjeta' esponenti tixtieq tirriprendi lura l-porzjoni taghha ta' dan ir-raba' ghall-kostruzzjoni fuqha ta' bini ai termini tal-Artikolu 4 (2) (6) tal-Kapitolu 199;

Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti talbet sabiex dan il-Bord joghgbu jawtorizzaha tirriprendi pussess ta' din il-porzjoni ta' raba' minn ghand l-intimati fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom iffissat salv il-likwidazzjoni u hlas tal-benefikati spettanti lill-intimati skond il-ligi.

Ra r-risposta tal-intimati a fol 8 tal-process li permezz taghha esponew preliminarjament illi ma ghandha ebda relazzjoni mar-rikorrenti peress illi dejjem hallsu l-qbiela lill-kurja u issa lil Joint Office u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrent irid jipprova t-titolu tieghu.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-raba' imsemmi fir-rikors igawdi minn risors ta' ilma u illi ghalhekk huma applikabbli ghaliha d-disposizzjonijiet relattiva ghar-raba' saqwi.

Ra l-atti kollha inkluz id-digriet tad-9 ta' April, 1997 a fol 14 u 16 tal-process.

Rat il-verbali a fol 39, 40, 41 u 45 tal-process.

<u>Ikkunsidra:</u>

Illi il-provi principali huma s-segwenti:-

a) kopja legali ta' att pubbliku in atti tan-Nutar Joseph Brincat u ippubblikat fis-6 ta' Dicembru, 1995 ( a fol 2 u 18 tal-process).

b) Kopja tal-permess ta' bini u  pjanta a fol 21 tal-istess process. Fuq l-istess pjanta hemm indikata u murija l-art in kwistjoni.

c) Ir-relazzjoni tal-membri teknici ta' dan il-Bord (a fol 23 tal-process). Minn din ir-relazzjoni jista' jigi innotat u rilevat li fil-vicinanzi hemm giebja li tintela'  bix-xita izda f'raba aktar il' fuq mir-raba' in kwistjoni. In oltre gie rilevat li bejn ir-raba' fejn il-giebja u l-iehor in kwistjoni tinsab "petrol station" li tissepara iz-zewg bicciet ta' raba. Fit-territorju tal-istess "petrol station" tinsab giebja ohra. Izda gie innotat li hemm bieb li jaghti mit-territorju tal-"petrol station" ghal parti mill-ghalqa li tinsab bejn il-"petrol station" u iz-zewg partijiet ta' raba suggetti ghal zewg rikorsi ohra differenti (30B/96 u 31B/96). Fl-ahhar nett gie likwidat kumpens skond il-ligi, ta' Lm200.

<u>Ikkunsidra:</u>

Illi mill-provi kif esposti jidher b'mod car u evidenti li l-art in kwistjoni tappartjeni lill-esponenti, li l-istess art bl-ebda mod ma tista' tigi ritenuta li hi

"raba saqwi" skond il-ligi u li fuq l-istess art inhareg "full development permission" kif rizultanti a fol 33.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi il-Bord;

1) jawtorizza lis-socjeta' esponenti sabiex sal-15 ta' Awissu 1999 tirriprendi l-pussess tal-porzjoni mir-raba' denominat "Tan-Nemla" limiti ta' Haz Zebbug skond kif indikata bil-kelma "site" fuq il-pjanta a fol 34 tal-process, liema pjanta ghandha tifforma parti integrali ta' din id-decizjoni;

2) jillikwida l-ammont dovut u pagabbli mill-istess socjeta' esponenti lill-intimat fis-somma ta' Lm200.

Alan Calleja
Dep.Reg. Magistrat